VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,715, 20 ta' Jannar, 2017*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru IV tal-2017**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Ħabs, Kap. 260.**

**ACT No. IV of 2017**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Prisons Act, Cap. 260.**

VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

20 ta' Jannar, 2017

**ATT Nru IV tal-2017**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Ħabs, Kap. 260.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor. Kap. 260.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar il-Ħabs u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Ħabs, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Żjieda ta' artikolu 19 ġdid mal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 18 tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu 19 ġdid li ġej:

"Annimali li jintużaw mill-Faċilità.

**19.** (1) Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin tista' tagħmel użu minn annimali fit-twettiq ta' ċerti ħidmiet u waqt funzjonijiet ċerimonjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) Id-Direttur għandu jiżgura li dawn jiġu ttrattati bl-aħjar mod possibbli u b'mod kompatibbli man-natura ta' dawk l-annimali, u li dawn ma jiġux soġġetti għal xi trattament krudili.

(3) Kemm-il darba ma jingħatax parir xort'oħra minn kirurgu veterinarju, annimal li ma jkunx iktar ta' użu għall-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, għal liema raġuni tkun li tkun, għandu preferibbilment jiġi mogħti lil xi persuna jew korp li jkun jista' jkompli jittratta l-annimal b'mod xieraq meta jirtira. Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin m'għandhiex tneħħi l-ħajja ta' ebda annimal sempliċement għaliex minnufih ma tkun instabet ebda persuna adatta biex tieħu ħsieb dak l-annimal.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 469 tas 16 ta' Jannar, 2017.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

VERŻJONI ELETTRONIKA



I assent.

(L.S.)

**MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

20th January, 2017

## ACT No IV of 2017

*AN ACT to amend the Prisons Act, Cap. 260.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title.
Cap. 260.

**1.** The short title of this Act is the Prisons (Amendment) Act, 2017, and this Act shall be read and construed as one with the Prisons Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Addition of article 19 to the principal Act.

**2.** Immediately after article 18 of the principal Act, there shall be added the following new article 19:

"Animals used by the Corradino Correctional Facility.

**19.** (1) The Corradino Correctional Facility may make use of animals in the performance of certain operations and in ceremonial functions.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(2) The Director shall ensure that these are treated in the best way possible and compatible to the nature of such animals, and that they are not subjected to any cruel treatment.

(3) Unless otherwise advised by a veterinary surgeon, an animal that is no longer of use to the Corradino Correctional Facility, for any reason whatsoever, shall preferably be donated to any person or body that can continue to treat the animal well in its retirement. The Corradino Correctional Facility shall not euthanize any animal merely because no suitable person has been immediately found to take care of that animal. ".

Passed by the House of Representatives at Sitting No 469 of 16th January, 2017.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.36